

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

2008/2026(BUD)

10.9.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009
([C6-0309/2008 – 2008/2026\(BUD\)](#))

Taqsimha III - Kummissjoni

Rapporteur għal opinjoni: Helmuth Markov

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-fondi ġodda ta' Għajnuna għall-Kummerċ għandhom jizjeddu mal-għajnuna eżistenti għall-iżvilupp u li l-wegħdiet ġodda ta' Għajnuna għall-Kummerċ ma għandhomx iwasslu għal trasferiment ta' riżorsi li jkunu diġà ġew assenjati għal inizjattivi oħra ta' żvilupp; itenni t-talba li saret lill-Kummissjoni biex tipprova informazzjoni fuq l-orijini tal-biljun ewro li ġew imwiegħda;
2. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' kjarifiki dwar kif se jkunu ffinanzjati l-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (EPAs); jistieden il-Kummissjoni biex tagħti informazzjoni dettaljata dwar l-assistenza finanzjarja li se tagħti lill-pajjiżi ACP sabiex jadattaw ruħhom għat-tibdiliet ekonomiċi wara li dawn ikunu ffirmaw l-EPAs;
3. Itenni t-talba magħmula lill-Kummissjoni biex tevalwa l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri li ttieħdu fil-qasam tal-Għajnuna għall-Kummerċ u biex tagħti rapport kull sentejn lill-Parlament u lill-Kunsill (mill-2009) dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati li nkisbu u, kemm jista' jkun, dwar il-konsegwenzi ewlenin u dwar l-effetti tal-assistenza tal-Għajnuna għall-Kummerċ;
4. **Jitlob b'mod espliċitu li r-rapport ta' kull sentejn ikun fih informazzjoni speċifika dwar l-istorja tal-miżuri ffinanzjati, fejn xieraq juri r-riżultati tal-monitoraġġ u l-eżerċizzji ta' evalwazzjoni, l-involviment tal-partijiet rilevanti, u l-implimentazzjoni tal-wegħdiet u l-impenji u l-ħlasijiet tal-baġit, imqassma skont il-pajjiż, ir-reġjun u l-kategorija ta' assistenza;** jitlob li r-rapport jevalwa wkoll il-progress li jkun sar fl-integrazzjoni tal-kummerċ fil-programm ta' għajnuna u r-riżultati miksuba bl-assistenza, billi juża sa fejn dan ikun possibbli indikazzjonijiet speċifiċi u li jistgħu jitkejlu tal-irwol tagħha biex tilħaq l-għanijiet tal-Għajnuna għall-Kummerċ;
5. Jistieden il-Kummissjoni biex, qabel it-tieni qari tal-Parlament, tippreżenta dokument qasir li juri ċ-ċifri kollha għall-iffinanzjar tal-Għajnuna għall-Kummerċ li ġejja mill-baġit tal-UE, u ċifra totali mill-ammont totali tal-Għajnuna għall-Kummerċ għal dik "l-assistenza kollha relatata mal-kummerċ";
6. Itenni li l-Għajnuna Macro-Finanzjarja (MFA) għandha tkun suġġetta għal monitoraġġ strett u u kundizzjonijiet ladarba l-UE ma tikkontrollax il-modi li bihom il-pajjiżi benefiċjarji jonfqu l-fondi ġenerali mhux assenjati mill-UE li jidħlu fil-baġit ġenerali tagħhom; Jiddispjaċih li l-MFA ma għandiex bażi legali xierqa u għadha bbażata fuq deċiżjonijiet ad hoc tal-Kunsill f'kull operazzjoni; itenni l-ħtieġa ta' struttura ta' regolament ta' qafas ko-deċiż dwar l-MFA li jsaħħaħ it-trasparenza, ir-responsabilità, l-monitoraġġ u s-sistema tar-rappurtaġġ;
7. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tgħaddi lill-Parlament fi żmien xieraq l-informazzjoni dwar l-ipprogrammar tal-MFA u l-iskeda mistennija tal-proposti tal-Kummissjoni fir-rigward tal-MFA; Jinsisti li l-Kunsill jistieden lill-Parlament sabiex jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-proposti tal-Kummissjoni fir-rigward tal-MFA permezz tal-"proċedura ta'

urġenza" biss fil-każ li dan ikun assolutament meħtieġ u wara li tingħata ġustifikazzjoni xierqa.

8. Itenni li huwa neċessarju li jingħata appoġġ finanzjarju konkret għat-trasferiment ta' teknoloġija relatata mal-farmaċewtika u mal-bini tal-kapaċitajiet għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-produzzjoni lokali tal-farmaċewtika fil-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw, speċjalment l-LDCs, fir-rispett tal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 66(2) tal-Ftehma dwar l-Aspetti tal-Proprietà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS);
9. Jirrimarka li huwa neċessarju li jiżdiedu l-fondi għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-mard relatat mal-faqar, mard tropikali u mard li ġie injorat, bil-parteċipazzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-privati u inizjattivi oħra possibbli ta' finanzjament, u biex jiġu appoġġjati istituti tar-riċerka li huma lesti li jikkoperaw f'inizjattivi tas-saħħa pubblika ddedikati għal dawn l-isforzi u li jagħmlu riċerka fuq mediċina u żvilupp ta' mediċina ta' rilevanza speċjali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
10. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti proposta mill-aktar fis possibbli lill-Parlament dwar it-twaqqif tal-European Business Center ippjanat fiċ-Ċina; jenfasizza li l-preżentazzjoni tal-proposta hija rekwiżit biex tittieħed deċiżjoni dwar il-provvediment tal-fondi meħtieġa; jappella sabiex ikun evtiat li l-istrutturi jkunu rduppjati meta jitwaqqaf iċ-Ċentru Ewropew tal-Kummerċ fiċ-Ċina.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	9.9.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Carlos Carnero González, Daniel Caspary, Françoise Castex, Christofer Fjellner, Béla Glattfelder, Ignasi Guardans Cambó, Jacky Hénin, Alain Lipietz, Erika Mann, Helmuth Markov, David Martin, Vural Öger, Georgios Papastamkos, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Gianluca Susta, Daniel Varela Suanzes-Carpegna, Corien Wortmann-Kool
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Albert Deß, Elisa Ferreira, Vasco Graça Moura, Eugenijus Maldeikis, Rovana Plumb, Salvador Domingo Sanz Palacio, Zbigniew Zaleski
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	